

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

29.8.2007

B6-0000/0000

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

biex tagħlaq id-dibattitu fuq l-istqarrija tal-Kummissjoni

skond l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura

minn Elisabeth Schroedter, Carl Schlyter

f'isem il-Grupp Verts/ALE

dwar in-nirien fil-foresti tal-Greċja u l-konsegwenzi tagħhom u l-konklużjonijiet li joħorġu għal miżuri ta' prevenzjoni u ta' twissija

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar the forest fires in Greece and their consequences and the conclusions to draw for prevention and alert measures

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-rapport ta' Barnier bl-isem ta' "Għal Korp Ewropew għall-Protezzjoni Ċivili: għajnuma mill-Ewropa",
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi 73 persuna tilfu ħajjithom, u billi skond is-Sistema ta' Informazzjoni Ewropea tan-Nirien fil-Foresti l-figura provviżorja tal-foresti li nħarqu fil-Greċja dan is-sajf hija ta' 268.834 ettaru, inklużi żoni naturali importanti protetti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali u Ewropea,
- B. billi numru ta' Stati Membri offrew l-appoġġ tagħhom biex jgħinu lill-Greċja tiġġieled kontra l-emerġenza tan-nirien fil-foresti,
- C. billi qed issir pressjoni sabiex jinbidel l-użu ta' żoni forestali u biex jinbnew u jiġu tollerati kostruzzjonijiet illegali kkontribwixxa għad-deterjorament tal-protezzjoni tal-foresti fil-Greċja inklużi f'xi reġjuni, nirien ikkawżati minn atti kriminali,
- D. billi l-problemi tan-nirien fil-foresti u tan-nixfa se jsiru aktar akuti minħabba li s-sjuż estremament niexfa qed isiru aktar komuni, billi l-investment fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima huwa għaldaqstant investment fil-prevenzjoni ta' katastrofi ta' nixfa jew ta' nirien fil-foresti,
1. Jiddispijaċih għall-vittmi u jesprimi s-solidarjetà tiegħu ma' l-abitanti taż-żoni tal-Greċja li ġew meqruda min-nirien tal-foresti;
 2. Jilqa' l-koperazzjoni u l-appoġġ li offrew l-Istati Membri l-oħra liż-żoni li ġew effettwati, skond il-qafas tal-Mekkaniżmu Komunitarju għall-Protezzjoni Ċivili, iżda jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex issegwi r-rapport ta' Barnier dwar Korp Ewropew għall-Protezzjoni Ċivili bi propositi konkreti għal kapaċità ta' koperazzjoni Ewropea aktar mgħaġġla fid-diżastri naturali;
 3. Jinnota li d-danni kkawżati min-nirien tal-foresti u minn diżastri naturali oħra setgħu jiġu parzjalment evitati u għandhom ikunu ta' inċentiv għall-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali li jridu jiżviluppaw, jiffinanzjaw u jimplementaw politiki ta' prevenzjoni aktar effiċjenti u leġiżlazzjoni aktar xierqa dwar il-konservazzjoni u l-użu tajjeb ta' l-art, inklużi dwar biedja sostenibbli u Prattiki forestali, l-immaniġġjar ta' l-ilma u l-ġestjoni effiċjenti tar-riskji;
 4. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jappoġġjaw miżuri, inklużi miżuri biex titqanqal il-kuxjenza pubblika, biex ikun hemm użu ta' l-ilma, tal-ħamrija u tar-riżorsi bijoloġiċi aktar sostenibbli u maniġġjar ta' l-iskart aħjar għaliex ħafna drabi n-nuqqas ta'

dan jikkawża n-nirien;

5. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lir-reġjuni effettwati sabiex iħejju pjanijiet ta' ristorazzjoni u rijabilitazzjoni għaż-żoni effettwati inklużi l-kundizzjonijiet obbligatorji li jggarantixxu l-implimentazzjoni ta' kull miżura ta' prevenzjoni kontra n-nar u t-tifi mgħaġġel tiegħu f'dawk ir-reġjuni;
6. Jitlob li l-kofinanzjament mill-fondi Komunitarji ta' l-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet, partikolarment mill-Fondi Strutturali, l-EAFDR, il-Fondi ta' Koeżjoni u il-Fond Ewropew għas-Solidarjetà, għandhom jingħataw bil-kundizzjoni ta' rifestazzjoni ġenwina taz- żona kollha li ġiet effettwata bl-istess varjetà tas-siġar lokali li jieħdu post il-foresta ta' qabel u ta' miżuri mmirati biex ikun hemm prevenzjoni biex diżastri bħal dawn ma jirrepetux ruħhom;
7. Jemmen li m'għandux ikun hemm bidla fl-użu ta' l-art wara n-nirien fil-foresta u jitlob is-sanzjoni tar-radd lura tal-pagament ta' għajjnuna tal-Komunità mill-Istat Membru jekk dan ma jagħmilx rifestazzjoni kompleta fiż-żoni effettwati jew jippermetti bidla fl-użu ta' l-art għal kwalunkwe ħsieb ta' urbanizzazzjoni u proġetti turistiċi;
8. Jikkundanna l-prattika tal-legalizzazzjoni ta' kostruzzjonijiet illegali fuq żoni protetti jew mhux awtorizzati, u barra minn hekk it-tentattivi kollha biex tonqos il-protezzjoni tal-foresta permezz ta' tibdil fil-Kostituzzjoni Griega (Art.24), għandhom jitwaqqfu immedjatament;
9. Jemmen li prekondizzjoni għal protezzjoni għal żmien twil taż-żoni forestali huwa l-ippjanar sostenibbli u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet għal żvilupp reġjonali u rurali bil-għan li jipprevjenu li l-popolazzjoni rurali titlaq iż-żoni rurali, johlqo dħul finanzjarju ġdid u ddiversifikat speċjalment għall-ġenerazzjoni żagħżuġha u jistabbilixxi l-modernizzar ta' l-infrastruttura neċessarja li tiġbed lejha turisti sostenibbli u servizzi f'żoni rurali;
10. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex joħlqu inizjattivi għall-bdiewa, għall-impreditturi rurali u għas-sidien biex jadottaw Prattiki tal-biedja u Prattiki forestali li bihom jista' effettivament jitkejjel tnaqqis fir-riskji relatati ma' kundizzjonijiet klimatiċi estremi u nirien fil-foresti;
11. Jemmen li attenzjoni speċjali għal miżuri biex titjeb l-aċċessibilità tal-komunitajiet rurali Griegi, sistemi effettivi ta' twissija bikrija kontra n-nar, forzi professjonali u volontarji għall-prevenzjoni kontra n-nar aħjar kif ukoll immaniġġjar aħjar ta' l-ilma għandhom ikunu parti mill-politiki għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra n-nirien fil-foresti u jirrappreżentaw kundizzjoni għall-appoġġ futur mill-Unjoni Ewropea;
12. Jistieden lill-gvern Grieg biex jabbozza immedjatament reġistru ta' l-art għall-foresti u biex jorganizza kif xieraq l-istaff tal-foresti u s-servizzi ta' protezzjoni kontra n-nar;
13. Jemmen li minbarra l-irwol tal-politiki pubbliċi effettivi u ħielsa mill-ambigwità, għandhom jiġu introdotti miżuri li jżidu l-għarfien, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali li flimkien għandhom iżidu r-responsabilità personali sabiex jiġu evitati inċidenti ripetuti ta' nirien fir-reġjun tal-Mediterran, u dawn għandhom jiġu mwettqa minn amministraturi nazzjonali responsabbli bħala parti mill-programmi ta' żvilupp rurali u reġjonali għall-

prevenzjoni ta' diżastri naturali;

14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-Riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Gvern tal-Greċja.